Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Mejju 2021**
**(OR. en)**

**8847/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0051(CNS)**

**COH 1**
**POSEIDOM 4**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 6749/21 |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 95 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iskema tad-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE<br>- Adozzjoni |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2021.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjuni Ultraperiferiċi eżamina l-proposta fl-24 ta' Marzu 2021 u ntlaħaq qbil fis-26 ta' Marzu 2021 wara proċedura ta' silenzju.

3. Fit-18 ta' Mejju 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta mingħajr ma ssuġġerixxa l-ebda emenda.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7922/21 + COR 1 + COR 2 (fr).

5. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/825, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel id-9 ta' Ġunju 2021.